# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 29

6 t'April 2026

Id-disa' u għoxrin (29) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 6 t'April 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

29.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

29.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

29.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

29.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.2. Il-Kunsilliera SSH ressqet il-korrezzjoni tal-minuti ta' materja nru 8.9.3 li għandha taqra "SSH".

**Nota: 17:21 Il-Kunsillier DC attenda għal-laqgħa.**

29.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

29.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

29.3.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni u staqsa jekk kienx hemm żvilupp fuq id-dawl ta' Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Is-Sindku qal li din il-materja kienet ilha pendenti wisq u kien hemm bżonn li dan id-dawl ifittex jiġi rranġat. Huwa staqsa x'kienu l-alternattivi tal-Kunsill. Is-SE spjega kif inhi s-sitwazzjoni.

29.3.2. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand Friends of the Earth fejn stiednu lill-Kunsill biex jissieħeb magħhom fi proġett ko-finanzjat minn fondi Ewropej. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.3.3. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand l-Ambaxxata Torka li talbu permess biex jitħallew jipparkjaw il-vetturi tagħhom fi Trejqet il-Fosos minħabba kostruzzjoni li kienet ser issir viċin tagħhom.

**Nota: 17:29 Il-Kunsilliera JVP attendiet għal-laqgħa.**

29.3.3.1. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx mat-talba u qabel li għandu jinformahom jipparkjaw fl-ispazji ta' parkeġġ riservati li diġà għandhom.

29.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand iż-żeffiena tas-swing dancing li talbu li jagħmlu użu iktar frekwenti mis-sala tad-Dar tal-Kunsill ġaladarba kienu se jipparteċipaw fl-attività li se tkun organizzata mir-Reġjun Port. Huma informaw li l-kirja tas-sala għas-sessjonijiet tat-tliet xhur li ġejjin kien ser iħallasha r-Reġjun Port. Il-Kunsill innota dan u ma sabx oġġezzjoni.

29.3.5. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta li informaw lill-Kunsill bis-serata mużikoletterarja li ser tinżamm fil-11 t'April 2026. Huma ipproponew li l-Kunsill jorganizza din l-attività konġuntament magħhom. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450 u li jkun hemm publiċizzazzjoni li l-attività qed issir bis-sehem tal-Kunsill.

29.3.6. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mill-iSkola Primarja fejn informaw li kienu ser jorganizzaw Jum il-Floriana nhar it-Tnejn 13 t'April 2026. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza l-attività b'mod konġunt magħhom billi jieħu ħsieb jiffinanzja ftira għall-istudenti tal-iskola.

29.3.7. Is-Sindku NH għamel riferenza għall-applikazzjonijiet tat-Tonna Trophy. Il-Kunsill qabel li għandhom jingħaddu l-voti hekk kif proposti sabiex ikun jista' jiġi determinat ir-rebbieħ ta' dan it-trofew.

29.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Għaqda tan-Nar San Publju fejn ipproponew li jinżabru s-siġar kif ukoll li l-Kunsill jipprovdi t-tappieri neċessarji biex ikunu jistgħu jitgħattew it-toqob tal-arbli. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom jippreżentaw kwotazzjoni ħalli l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni ibbażata fuq l-istima. Fir-rigward taż-żabra, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jagħmel din.

29.3.9. Is-Sindku ressaq iċ-ċirkolarijiet relatati mal-iskemi 2026. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb japplika għal dawn l-iskemi.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

29.4.1. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-istreet banners li hemm madwar il-lokalità u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li għandu jiċċekkja mal-byelaw u jinforma lill-Viċi Sindku dwar x'inhu possibbli.

29.4.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għas-sinjali tal-ismijiet tat-toroq u ippropona li titwaħħal sticker fuq it-tabelli li għad għandhom l-arma l-antika tal-lokalità. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.4.2.1. Is-Sindku NH ippropona li jsir l-istess fuq it-tabelli li hemm madwar il-lokalità li jindikaw li ma jintremix skart. Il-Kunsill qabel.

29.4.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li tiġi ċirkolata email lill-kunsillieri bl-attivitajiet kollha li hemm konfermati li se jsiru fuq il-Fosos fis-Sajf biex b'hekk kulħadd ikun informat. Il-Kunsill approva.

29.4.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill jitlob lill-entità responsabbli biex jiġu rranġati r-rampi li hemm fi Triq Sant'Anna minħabba li qed jinġema ħafna ilma meta jagħmel il-maltemp. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Infrastruttura Malta b'dan.

29.4.5. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-blokok tal-konkos li hemm fit-Telgħa ta' Sa Maison ħdejn il-firestation. Huwa qal li dawn kienu qed jagħlqu parti mill-passaġġ tal-bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba biex issir zebra crossing temporanja.

29.4.6. Il-Kunsilliera JVP għamlet riferenza għall-kwistjoni tal-ispralli u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar sabiex jinforma lill-Kunsill bir-riżultat tal-ispezzjoni li kienet saret minnhom.

29.4.7. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għat-tabelli fi Triq Pietro Floriani. Is-SE qal li kien bagħat biex issir il-manutenzjoni neċessarja.

29.4.8. Is-Sindku NH qal li jekk Infrastruttura Malta ma kienux ser jagħmlu il-linji tat-toroq u s-sleeping policemen, allura għandu jieħu ħsieb jagħmilhom il-Kunsill bin-nies tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.4.9. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għad-dustbins ta' Triq Vincenzo Dimech u ta' Triq il-Mall. Il-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew dawk li huma imkissrin u jiġu mibdula għal bins ġodda.

29.4.10. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għar-ritratti antiki ta' Ġnien il-Mall li kienet bagħtet u qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi liem u kemm ser juża. Il-Kunsill qabel li għandu għallinqas jagħmel ritratt wieħed kif kien u wieħed kif inhu preżentement il-ġnien.

29.4.11. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienux inqabdu xi abbużi relatati mal-iskart mill-kameras tas-sigurtà li għandu l-Kunsill. Is-SE qal li kien hemm xi filmati ta' xi abbużi li kienu ġew mibgħuta lil-LESA.

29.4.11.1. Is-Sindku esiġa li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lil-LESA li jekk mhux se tittieħed azzjoni, il-Kunsill ser ikun kostrett isejjaħ konferenza stampa għax kien inaċċettabbli li l-Kunsill għamel dak l-investiment kollu fil-kameras tas-sigurtà biex imbagħad ma titteħidx azzjoni.

29.4.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-permess li hemm pendenti biex jinbidel garaxx fi Triq il-Kapuċċini f'fabbrika tas-silġ. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq il-preokkupazzjonijiet tiegħu lill-entità konċernata.

29.4.13. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għad-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa rigward Taħt il-Forka. Il-Kunsill qabel li għandha titneħħa kaxxa biex jingħata aċċess.

29.4.14. Is-Sindku staqsa jekk kienux tressqu ir-rappreżentazzjonijiet tal-Grand Harbour Revival Plan. Is-SE qal li kien ressaq ir-rappreżentazzjonijiet u li l-Kunsill kien irċieva konferma ta' dan.

## 29.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITAT

29.5.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

**Nota: 17:59 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

## 29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

29.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 22/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

29.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JVP u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

**Nota: 18:00 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa.**
**18:02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa.**
**Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

## 29.7 ĠIEĦ IL-FLORIANA

29.7.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi lil min se jagħti Ġieħ il-Floriana.

29.7.2. Is-Sindku qal li kien qed jipproponi lid-Dottor David Fabri.

29.7.3. Min-naħa tiegħu il-Kunsillier DC ippropona lis-Sur Publio Agius.

29.7.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC favur in-nomina tas-Sur Publio Agius, issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 2 (DC, SSH)
Kontra: 3 (NH, JAE, JVP)
Astensjonijiet: 0

29.7.5. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku NH favur in-nomina tad-Dottor David Fabri, issekondata mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (NH, JAE, JVP)

Kontra: 2 (DC, SSH)
Astensjonijiet: 0

29.7.6. Għalhekk b'maġġoranza tal-kunsillieri, il-Kunsill qabel li Ġieħ il-Floriana għandu jingħata lid-Dottor David Fabri.

**Nota: 18:09 Il-Kunsillier DC talab li jkun skużat.**

## 29.8 ASSEMBLEA ĠENERALI FURJANIŻA - RIŻOLUZZJONIJIET

29.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li waqt l-Assemblea Ġenerali Furjaniża kien hemm persuna li xtaqet li tressaq xi riżoluzzjonijiet inkluż laqgħa mal-Dipartiment tal-Artijiet sabiex wieħed jidentifika l-postijiet battala fil-lokalità ħalli jkunu jistgħu jiġu rranġati biex jakkomodaw residenti ġodda. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lid-Dipartiment għal dan l-eżerċizzju.

29.8.2. Is-Sindku qal li kienet tressqet ukoll proposta biex il-Kunsill iniedi proċess fejn is-sidien tal-ħwienet, djar u uffiċini ikunu kostretti jmantnu l-faċċati tal-bini permezz tal-introduzzjoni ta' byelaw ġdida li tobbliga dan. Il-Kunsill qabel li għandu jistudja din il-proposta sabiex jara l-possibbiltà li din tiġi implimentata.

29.8.3. Proposta oħra li ġiet imressqa kienet dik biex il-Kunsill jaħdem sabiex il-funtana tat-Tritoni terġa' ssir parti mil-lokalità tal-Floriana.

29.8.3.1. Is-Sindku qal li kienet il-Kummissjoni Elettorali li tistabbilixxi l-konfini tal-lokalitajiet u għalhekk ippropona li din il-materja terġa' titqajjem mal-entità.

**Nota: 18:13 Il-Kunsillier DC reġa' attenda għal-laqgħa.**

## 29.9 IL-PIĊĊ TAL-FUTBOL IŻ-ŻGĦIR FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIVI R-RE ĠORĠ V

29.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi irrefera għall-piċċ iż-żgħir tal-futbol.

29.9.2. Is-Sindku għamel riferenza għax-xogħol li kien għaddej u talab lill-kunsillier responsabbli minn dan id-dekasteru biex jidħol fil-fażijiet kollha tax-xogħolijiet li qed isiru sabiex il-Kunsill jassigura li kollox kien miexi sew u li kien qed isir kollox kif suppost.

29.9.3. Huwa kompla billi qal li kien qed jipproponi li jitneħħa l-fence tal-piċċ iż-żgħir kollu għax qiegħed fi stat perikoluż.

29.9.4. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitneħħa immedjatament u li għandu jinbeda l-proċess biex dan jinbidel.

## 29.10 MALTA INTERNATIONAL FOOD FESTIVAL 2026

29.10.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-Malta International Food Festival 2026 u informa bil-korrispondenza li kien irċieva mingħand l-organizzatur.

29.10.2. Huma informaw li kien ser jittella' ħajt fil-parti tal-lemin tal-Fosos għal perjodu ta' tliet ijiem qabel l-avveniment u li kienu ser ikunu qegħdin joffru biljetti fuq bażi kumplimentari lil dawk irreġistrati bħala residenti fil-lokalità.

29.10.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ in-no objection għal din l-attività.

## 29.11 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

29.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.32pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 6 ta' Mejju 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |